// KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

**Minuti tas-28 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021 fil-5:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29 Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |
| Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

28.01 **Talba**

28.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

28.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

28.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

28.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa nru 27**

28.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 27 ġew approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku ipproponiet u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

28.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

28.04.01 Is-Sindku nforma li fl-20 t' April kellu laqgħa mal-MEPA rigward id-*Development Fund*. Huwa qal li l-ammont li hemm disponibbli għall-Kunsill huwa ta' € 318,661 u ippreżenta l-l-Minuti preliminari ta' din il-laqgħa. Huwa ssuġġerixxa li dawn il-fondi jintużaw sabiex isiru l-bankini u l-fanali fi Triq Karmenu Ciantar kif ukoll sabiex isir *embellishment* tal-Ġnien Onġi Onġella. Huwa ser jgħaddi kopja tal-komunikazzjoni tal-MEPA lill-Kunsillieri.

28.04.02 Is-Sindku nforma li fid-29 t'April kellu laqgħa mas-Sur Frederick Azzopardi, CEO ta' IM. Huwa qal li x-xogħol fit-Triq tas-Siġar kien inbeda u d-*diversion* għal Triq Valletta l-Qadima kienet qed taħdem sew. Huwa nforma li x-xogħol fi Sqaq Nru 5 fi Triq il-Parroċċa kien ser jinbeda dalwaqt. Huwa nforma wkoll li x-xogħol fi Triq George Martin kellu jieqaf ghal xi żmien peress li waqt ix-xogħlijiet kien instab katakombi. Finalment huwa nforma li hemm il-probabilita' li Triq Baskal Xuereb issir ukoll.

28.04.03 Is-Sindku nforma li waqt laqgħa ma' uffiċċjali ta' Heritage Malta, dawn kienu talbu li jiġi mpedit il-parkeġġ ta' vetturi fuq il-paviment biswit il-Katakombi tal-Mentna

peress li kienet qed issir ħsara lill-istess katakombi. Huwa qal li konna għadna qed nistennew komunikazzjoni uffiċċjali mingħandhom.

28.04.04 Rigward il-Pjazza s-Sindku nforma li kellu laqgħa fuq il-post mas-Sur Karl Cilia mill-Enemalta u x-xogħol min naħa tagħhom huwa lest. Il-GO kważi lestew ukoll u jonqos biss affarijiet żgħar. Huwa qal li kif diġà nforma lill-membri, l-inawgurazzjoni mill-Ministru I. Borg ser issir fid-9 ta' Ġunju u kien hemm qbil li għaċ-ċerimonja jiġu mistiedna l-membri tal-aħħar Kunsill inkluż is-S.E. preċedenti, Sindki passati kif ukoll President u Segretarju minn kull għaqda tar-raħal.

28.04.05 Is-Sindku nforma li jinsab infurmat li l-bozoz fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija li m'humiex LED ser jinbidlu fil-ġranet li ġejjin. Huwa semma li r-*resinstatement* li kien għamel il-kuntrattur tal-Enemalta fi Triq iż-Żurrieq ma kienx aċċettabbli u wara laqgħa fuq il-post li attenda għaliha s-S.E., kien hemm qbil li ix-xogħol ħażin jitranġa fil-ġranet li ġejjin. Rigward l-iffirmar tal-MOU mad-Dipt tal-Indafa Pubblika, s-Sindku nforma li S.E. ser ikun il-kuntatt tal-Kunsill mas-Sur Ramon Deguara. Saret diskussjoni dwar l-*issue* tat-trabijiet u l-knis u jidher li l-kennies mhux qed jimxi skont l-iskeda li għaddejnilu u għalhekk fuq suġġeriment tal-Viċi-Sindku, ġie unanimament deċiż li nitolbu lill-*Contracts Manager* sabiex jibda jibgħat rapport lill-Kunsill kull ħmistax. Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li l-Kunsill għandu jkollu l-ħaddiema tiegħu sabiex jagħmlu x-xogħol tal-knis. Rigward il-kuntratt ma' GreenPak, ġie unanimament deċiż li nġedduħ sal-aħħar tal-2022 kif issuġġerit mid-DLG.

28.04.06 Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien issottometta l-applikazzjoni tiegħu għar-restawr tal-Isptar il-Qadim mill-fondi tal-LESA u awgura li din l-applikazzjoni tkun ikkunsidrata favorevolment.

28.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

28.05.01 Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-proġett tal-ġebel fir-*roundabout* tal-Metna u s-Sindku nforma li kien ser ikollu laqgħa mal-iskultur Antoine Farrugia l-għada. Hija qalet li fittxet fil-korrispondenza u tat aktar informazzjoni dwar xi flus li kienu għaddew lil koppja Ġermaniża.

28.05.02 Il-Viċi-Sindku talbet sabiex wara l-korrispondenza li konna rċivejna mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet dwar l-art tal-Mqabba FC, il-Kunsill għandu jitlob lill-istess Mqabba FC kopja tal-*Lease Agreement*.

28.05.03 Il-Viċi-Sindku semmiet il-pjanti li konna rċivejna minghand il-Perit Kevin Fsadni mill-FTZD wara kommunikat li kellha miegħu fejn hija talbet li dawn għandhom jgħaddu lill-Kunsill u jsiru propjeta' tiegħu, rigward l-*embellishment* ta' Ġnien Onġi Onġella. Is-S.E. informa li l-pjanti kienu kbar wisq sabiex jintbagħatu bl-*email* però dawn setgħu jintwerew lill-Kunsillieri fuq il-kompjuter. Is-Sindku u l-Viċi-Sindku irrimarkaw li d-disinji huma verament sbieħ iżda sabiex jiġu mplimentati hemm bżonn ta' eluf kbar ta' Ewro u li l-Kunsill ma jistax jidħol għal din l-ispiża waħdu.

Il-Viċi-Sindku qalet illi mill-informazzjoni li kellha, l-proġrett kien se jiġi jiswa' 'l fuq minn € 350K.

28.05.04 Il-Viċi-Sindku staqsiet rigward il-ħaxix madwar l-istatwa ta' Santa Marija u s-S.E. informa li dan kien inqata' kif mitlub.

28.05.05 Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar it-tabelli mal-*iBins* li jinfurmaw lin-nies sabiex ma jħallux skart ħdejn l-iBins jekk isibuhom mimlija. Is-S.E. informa li l-GreenPak kienu informawh li huma ma kellhomx minn dawn it-tabelli u għalhekk ġie deċiż li dawn isiru mill-Kunsill ħdejn kull *Bring-in Site* fir-raħal.

28.05.06 Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li tingħata preċedenza lill-kuntratt tal-Ġonna u għalhekk ġie deċiż li nibgħatu kopja tat-*tender* lis-Sur Brincat sabiex jieħu ħsieb li dan jiġi ppubblikat malajr kemm jista' jkun.

28.05.07 Il-Viċi-Sindku semmiet il-problema li qed tinqala' waqt il-ħinijiet tal-iskola. Is-S.E. informa li teżisti problema li t-tabelli li hemm jindikaw il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal, ma jaqblux mal-ħinijiet li bdew jiġu osservati matul din is-sena skolastika minħabba l-Covid. Ġie deċiż li malli nkunu nafu l-ħinijiet li fihom ser tibda topera l-iskola fis-sena skolastika li jmiss, nieħdu ħsieb nirranġaw it-tabelli jekk ikun hemm bżonn.

28.05.08 Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li għandha ssir *spreadsheet* bl-ilmenti/suġġerimenti li jitqajmu waqt il-laqgħa u li dawn jiġu aġġornati skont il-bżonn sabiex kulħadd ikun jaf x'inhu l-*istatus* tal-istess ilmenti/suġġerimenti. Is-S.E. informa li mhux problema li din it-talba tiġi mplimentata.

28.05.09 Il-Viċi-Sindku staqsiet x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill vis-a-vis l-*crushers* fi Triq it-Torri Vincenti / Triq il-Madonna tal-Ġilju li qed jikkawżaw ħafna trabijiet. Il-Kunsillier Dingli qal li huwa ħa nteress f'din l-*issue* u issuġġerixxa li qabel ma mmorru għand l-awtoritajiet, għandna nkellmu lill-operaturi. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li l-ewwel għandha ssir il-laqgħa u li jekk ma naslux imbagħad ninvolvu lill-ERA. Il-Viċi-Sindku pproponiet sabiex tinbgħat ittra lil awtoritajiet responsabbli u li fiha tinkludi l-crushers kollha li jeżistu fl-Imqabba u li qed ikunu ta' nkonvenjent għar-residenti. Fuq din il-proposta ġie deċiż illi ssir *draft letter* dwar is-sitwazzjoni inġenerali tiġi ċċirkolata u tintbgħat mill-aktar fis possibli.

28.05.10 Il-Viċi-Sindku staqsiet għaliex l-ittra sabiex issir *One Way* sabiex tidħol minn quddiem l-iskola kienet għandha ma ntbgħatitx.

28.05.11 Il-Kunsillier Dingli ssuġġerixxa li l-kuntrattur li għandu l-impjant fi Triq Valletta jibda joħroġ bl-inġenji minn Triq Valletta l-Qadima ladarba titlesta Triq Valletta.

28.05.12 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar ix-xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix fi Triq il-Franka u s-S.E. informa li dan kien sar kif mitlub.

28.05.13 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li tiżdied ġurnata oħra mat-Tlieta għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli. Ġie deċiż li nitkellmu ma' Greenpak dwar dan is-suġġeriment.

28.05.14 Il-Kunsillier Sciberras staqsa kif konna bqajna rigward il-*parking bays* fi Triq Kirkop u s-S.E. informa li bħalissa kien għaddej is-*survey* sabiex wara issir proposta lil TM li tinkludi l-*One Way* li kienet ġiet ssuġġerita xi laqgħat ilu.

28.05.15 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar l-istatus tal-Ġibjun il-ġdid. Is-Sindku spjega li kienu saru 8 bokok sabiex ikun hemm ventilazzjoni waqt xi xogħlijiet li jista' jkun hemm bżonn fil-ġibjun u filwaqt li 6 minnhom diġà ġew magħluqa, l-aħħar 2 bokok ser jingħalqu bil-pjanċi fil-jiem li ġejjin, filwaqt li anke l-ħamrija kienet ser tiġi livellata. Ġie ssuġġerit li l-ħajt tat-triq jiżdied b'2 filati sabiex jiġi eliminat kull periklu.

28.05.16 Il-Kunsillier Zaffarese semma problema ta' ilma tax-xita li qed joqgħod f'parti minn Triq Santa Katerina. Is-Sindku nforma li l-kuntrattur tal-Kunsill ser jagħmel *culvert* sabiex din il-problema tiġi eliminata.

28.05.17 Il-Kunsillier Zaffarese staqsa dwar siġra fi kellha bżonn iż-żbir fi Triq Innocenz Zammit u s-S.E. informa li din kienet inżabret.

28.05.18 Il-Kunsillier Zaffarese staqsa dwar *Double Yellow Lines* li hemm viċin Ġnien Tfal ir-Rahal u s-S.E. informa li mill-informazzjoni li kiseb, dan kien sar direttament minn TM u mhux mill-Kunsill.

28.05.19 Il-Kunsillier Zaffarese informa li kien irċieva suġġeriment sabiex parti mill-ħamrija fi Ġnien Mikelanġ Sapiano titneħħa sabiex jitkabbar il-paviment. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan is-suġġeriment.

28.05.20 Il-Kunsillier Zaffarese issuġġerixxa li l-Kunsill jirrestawra l-Mitħna fi Triq Santa Katerina kif ukoll xi niċeċ li jinsabu fi Triq Santa Katerina, Triq Valletta u statwi viċin il-kappella ta' San Bażilju. Huwa ġie nfurmat li l-Mitħna hija propjetà privata u għalhekk il-Kunsill ma jistax jidħol għar-restawr tagħha però rigward in-niċeċ u l-istatwi għandu jevalwa l-possibilità' ladarba jitlesta x-xogħol fuq il-kappella ta' Santa Katerina.

***Il-Kunsillier Sciberras ħalla l-laqgħa minħabba raġunijiet personali fis-6.35 pm***

**28.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

28.06.01 Is-S.E. ippreżenta l-kwotazzjonijiet li konna rċivejna għax-xiri ta' *laptop* għall-użu tal-Kunsill u ġie unanimament deċiż li l-Kunsill jagħżel l-irħas offerta' ta' Computer Bargains.

28.06.02 Is-S.E. ippreżenta l-kwotazzjonijiet li konna rċivejna mingħand l-aġenti li jimpurtaw l-ikel tal-qtates u dawn ġew approvati unanimament.

28.06.03 Is-S.E. ippreżenta l-kwotazzjonijiet li konna rċivejna sabiex issir CCTV fuq il-*Bring-In Sites* fi Triq Kirkop u Triq il-Ħarrigiet u ġie unanimament deċiż li tingħażel l-irħas-offerta li kienet dik ta' iSpy.

28.06.04 Is-S.E. ippreżenta l-unika kwotazzjoni li konna rċivejna sabiex isir żbir u xogħol ieħor fi Ġnien Tfal ir-Raħal u l-Kunsill approva unanimament din il-kwotazzjoni.

28.06.05 Is-S.E. ippreżenta l-unika kwotazzjoni li konna rċivejna sabiex isir xogħol ġenerali fil-ġonna tar-raħal u ġie deċiż li din tiġi aċċettata però ix-xogħol involut għandu jkun biss ta' żbir, ħart u tisqija.

28.06.06 Is-S.E. ippreżenta l-kwotazzjonijiet li konna rċivejna għax-xiri ta' siġġijiet għall-kamra tal-laqgħat iżda ġie deċiż li dawn għandhom ikunu bir-roti u bl-*arm rests* u għalhekk ġie deċiż li nitolbu kwotazzjonijiet ġodda.

28.06.07 Korrispondenza mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti rigward attività fl-okkażjoni tal-*Queen's Baton* f'Ottubru li ġej. Ġie deċiż li deċiżjoni finali tittieħed aktar il-quddiem.

28.06.08 Korrispondenza mingħand il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman u mingħand il-Bord tal-Governanza Lokali rigward ilment minn residenti fi Sqaq Nru 2, Triq il-Langasa. Il-Kunsill jinsab f'kuntatt mal-avukat tal-Kunsill sabiex ikun jista' jwieġeb skont il-ħtieġa.

28.06.09 Suġġeriment sabiex ikun hemm *bins* komuni għall-boroż tal-iskart organiku peress li dawn qed jispiċċaw jitqattgħu minn klieb u qtates. Il-Kunsill ser jesplora dan is-suġġeriment sabiex jara l-impatt mar-raħal kollu.

28.06.10 Talba sabiex jiżdied kontenitur għad-depożitu tal-ħwejjeġ fl-inħawi tal-iskola. Il-Kunsill ser jesplora l-possibilità' u jidentifika post fejn ikun jista' jitpoġġa.

28.06.11 Ilment dwar *drifting* li qed isir f'Misraħ il-Fidwa. Ġie deċiż li għandu jsir rapport lill-Pulizija kif ukoll nirreferu l-ilment lil TM sabiex naraw hux possibbli li jsir xi ħaġa sabiex dan id-*drifting* ma jibqax isir.

28.06.12 Is-S.E. informa li s-Sur Nathan Aquilina ma jistax jibqa' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ peress li għalaq it-18-il sena. Filwaqt li l-Kunsill irringrazzja lis-Sur Aquilina għas-servizz tiegħu matul dawn l-aħħar sentejn, ġie deċiż li ssir sejħa għal Ambaxxatur ġdid.

28.06.13 Ġie unanimament deċiż li l-kors tal-*First Aid* ġewwa r-raħal isir lejn l-*a*hhar ta' Settembru 2021.

28.06.14 Ġie unanimament deċiż li l-Laqgħa tal-Lokalita' ssir b'mod virtwali nhar it-Tlieta 22 ta' Ġunju fil-5.00pm

28.07 **Rapport Finanzjarju - l-Ewwel Kwart Jannar / Marzu 2021**

28.07.01 Peress li kopja ta' dan ir-Rapport kienet tqassmet lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa, dan ġie meqjus bħala moqri u ġie approvat unanimament.

28.08 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/28**

28.08.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/28 ġiet approvata unanimament.

28.08.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul April 2021 ġiet approvata unanimament.

28.09 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

28.09.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:40 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 22 ta' Ġunju fil-5:30 pm

Konfermati illum it-Tlieta 22 ta' Ġunju 2021.

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Fabian Mizzi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |